# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 98/2022/1**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**James Alexander Casha**
**Claire Satariano**

Illum is-sebgħa (7) ta' Diċembru 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellati **James Alexander Casha**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 348207(L), u **Claire Satariano**, detentriċi tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 456775(M), akkużati quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta):

fil-każ ta' James Alexander Casha waħdu talli fix-xahar ta' Frar 2022 u/jew fil-jiem ta' qabel din id-data f'ħinijiet diversi ġewwa Ħaż-Żebbuġ u Siġġiewi, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet

differenti li jiksru l-istess dispożizzjonijiet tal-liġi, b'riżoluzzojni waħda:

1. bejn it-13 u s-16 ta' Frar 2022, ġewwa Triq is-Siġġiewi, Ħaż-Żebbuġ ikkommetta serq ta' *external hard drive* u żewġ *pendrives* minn ġewwa vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni ACG 409 tal-għamla Toyota Passo, liema serq għad-detriment ta' Lara Tanti Farrugia u/jew persuni oħra;

2. fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi volontarjament ħassar, għamel ħsara, jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, u ċioè vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni ACG 409 tal-għamla Toyota Passo, liema ħsara ma tiskorriex il-mitejn u ħamsin Euro (€250), għad-detriment ta' Lara Tanti Farrugia u/jew persuni oħra;

3. fil-lejl bejn it-13 u l-14 ta' Frar 2022, ġewwa Triq Ramija, Siġġiewi, volontarjament ħassar, għamel ħsara, jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, u ċioè vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni GOR 008 tal-għamla Toyota Yaris, liema ħsara ma tiskorriex il-mitejn u ħamsin Euro (€250), għad-detriment ta' Carmelo Scicluna u/jew persuni oħra;

4. fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi bil-ħsieb li jagħmel delitt, ċioè li jikkommetti serqa kkwalifikata bix-xorta tal-ħaġa misruqa minn ġewwa vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni GOR 008 tal-għamla Toyota Yaris, u wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għal eżekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma ġiex eżegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta' tiegħu;

5. fil-lejl bejn it-13 u l-14 ta' Frar 2022, ġewwa Triq l-Għid, Siġġiewi, volontarjament ħassar, għamel ħsara, jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, u ċioè vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni DAU 815 tal-għamla Hyunday Excel, liema ħsara ma tiskorriex il-mitejn u ħamsin Euro (€250), għad-detriment ta' Mario Aquilina u/jew persuni oħra;

6. fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi bil-ħsieb li jagħmel delitt, ċioè li jikkommetti serqa kkwalifikata bix-xorta tal-ħaġa misruqa minn ġewwa vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni DAU 815 tal-għamla Hyunday Excel, u wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għal eżekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma ġiex eżegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta' tiegħu;

7. fil-lejl ta' l-14 ta' Frar 2022, ġewwa Triq Ramija, Siġġiewi, ikkommetta serq ta żewġ *mobile phones* tal-għamla Samsung S8+, erba' kaxxi għodda tal-marka Parkside u *power bank* bla ditta minn ġewwa vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni REB 222 tal-għamla Mitsubishi Strada, liema serq huwa aggravat bil-ħin u bil-valur liema valur ma jeċċedix elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), għad-detriment ta' Kurston Joseph Schembri u/jew persuni oħra;

8. fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi volontarjament ħassar, għamel ħsara, jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, u ċioè vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni REB 222 tal-għamla Mitsubishi Strada, liema ħsara ma tiskorriex il-mitejn u ħamsin Euro (€250), għad-detriment ta' Kurston Joseph Schembri u/jew persuni oħra;

9. bejn in-nofs in-nhar (12:00hrs) tas-17 ta' Frar 2022 u d-disgħa ta' filgħodu (09:00hrs) tat-18 ta' Frar 2022, ġewwa Triq Luigi Fontana, Ħaż-Żebbuġ volontarjament ħassar, għamel ħsara, jew għarraq ħwejjeġ ħaddiehor, mobbli jew immobbli, u ċioè vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni FBU 524 tal-għamla Toyota Vitz, liema /ħsara ma tiskorriex il-mitejn u ħamsin Euro (€250), għad-detriment ta' Suzanne Sammut u/jew persuni oħra;

10. fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi kkommetta serq ta ftit Euros minn ġewwa vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni FBU 524 tal-għamla Toyota Vitz, liema serq huwa aggravat bil-ħin għad-detriment ta' Suzanne Sammut u/jew persuni oħra;

11. nhar it-18 ta' Frar 2022 bejn is-sitta neqsin kwart (05:45hrs) u s-sitta u nofs ta' filgħodu (06:30hrs), ġewwa Triq in-Newl, Ħaż-Żebbuġ, ikkommetta serq ta' flus kontanti minn ġewwa vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni HLX 109 tal-għamla Toyota Hilux, liema serq huwa aggravat bil-ħin u bix-xorta tal-ħaġa misruqa għad-detriment ta' Joseph Coleiro u/jew persuni oħra;

12. fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi volontarjament ħassar, għamel ħsara, jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, u ċioè vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni HLX 109 tal-għamla Toyota Hilux, liema ħsara ma tiskorriex il-mitejn u ħamsin Euro (€250), għad-detriment ta' Joseph Coleiro u/jew persuni oħra;

13. bejn it-18 u l-20 ta' Frar 2022, ġewwa Dawret in-Niżla ta' San Pawl, Ħaż-Żebbuġ, volontarjament ħassar, għamel ħsara, jew għarraq ħwejjeġ ħaddiehor, mobbli jew immobbli, u ċioè vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni DBQ 202 tal-għamla Fiat Punto, liema ħsara ma tiskorriex il-mitejn u ħamsin Euro (€250), għad-detriment ta' Nadia Farrugia u/jew persuni oħra;

14. fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi bil-ħsieb li jagħmel delitt, ċioè li jikkommetti serqa kkwalifikata bix-xorta tal-ħaġa misruqa, minn ġewwa vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni DBQ 202 tal-għamla Fiat Punto, u wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għal eżekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma ġiex eżegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta' tiegħu;

15. bejn id-19 u l-20 ta' Frar 2022, ġewwa Misraħ Muxi, Ħaż-Żebbuġ ikkommetta serq ta flus kontanti minn ġewwa vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni BBQ 452 tal-għamla Toyota Ist., liema serq sar għad-detriment ta' Owen Caruana u/jew persuni oħra;

16. fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, volontarjament ħassar, għamel ħsara, jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, u ċioè vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni BBQ 452 tal-għamla Toyota Ist, liema ħsara ma tiskorriex il-mitejn u ħamsin Euro (€250), għad-detriment ta' Owen Caruana u/jew persuni oħra;

17. bejn l-għaxra neqsin kwart ta' fil-għaxija (21:45hrs) tad-19 ta' Frar 2022 u d-disgħa ta' filgħodu (09:00hrs) tal-20 ta' Frar 2022, ġewwa Triq Ġeraldu Farrugia, Ħaż-Żebbuġ ikkommetta serq ta flus kontanti minn ġewwa vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni VPR 191 tal-għamla Volkswagen Golf, liema serq huwa aggravat bil-ħin għad-detriment ta' Andrea Zahra u/jew persuni oħra;

18. fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi volontarjament ħassar, għamel ħsara, jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew VPR 191 tal-għamla Volkswagen Golf tal-ghamla Toyota Ist, liema ħsara ma tiskorriex il-mitejn u ħamsin Euro (€250), għad-detriment ta' Andrea Zahra u/jew persuni oħra;

19. nhar l-20 ta' Frar 2022, ġewwa Triq Icilio Calleja, Ħaż-Żebbuġ, ikkommetta serq ta flus kontanti minn ġewwa vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni KAT 215 tal-għamla Mazda Demio, liema serq huwa aggravat bil-ħin għad-detriment ta' Katriona Friggieri u/jew persuni oħra;

20. fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi volontarjament ħassar, għamel ħsara, jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, u ċioè vettura bin-numru tar-registrazzjoni KAT 215 tal-għamla Mazda Demio, liema ħsara ma tiskorriex il-mitejn u ħamsin Euro (€250), għad-detriment ta' Katriona Friggieri u/jew persuni oħra;

21. irrenda ruħu reċidiv *ai termini* ta' Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta permezz ta' sentenzi mogħtija fil-konfront tiegħu, mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi huma definittivi u ma jistgħux jinbidlu;

22. fl-istess żmien, lok u ċirkostanzi kiser il-provedimenti ta' sentenza sospiża mogħtija fil-konfront tiegħu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) (Maġistrat Dr. C. Stafrace Zammit LL.D.), datata tlieta u ghoxrin (23) ta' April, elfejn u wieħed u għoxrin (2021), liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mibdula u dan bi ksur ta' Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Lil James Alexander Casha u Claire Satariano akkużati flimkien talli:

23. nhar l-20 ta' Frar 2022 bejn id-disgħa u ħamsa ta' filgħaxija (21:05hrs) u d-disgħa u kwart ta' filgħaxija (21:15hrs) ġewwa Triq Karmenu Micallef Buhagiar, Ħaż-Żebbuġ, bil-ħsieb li jagħmlu delitt, ċioè li jikkommettu serqa kkwalifikata bix-xorta tal-ħaġa misruqa minn ġewwa vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni LAN 902 tal-għamla Suzuki SJ410, u wrew dan il-ħsieb b'atti esterni u taw bidu għal eżekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma ġiex eżegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta' tagħhom.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex, f'każ ta' ħtija, tikkundanna lill-imputati għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat f'Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza[1] tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, fejn il-Qorti, wara li rat Artikoli 18, 28A, 28B(2)(a), 41(1)(a), 49, 50, 261(c)(f), 267, 270, 278(4), 279(a)(b), 280, 281, 289, 325(1)(c) u 392A tal-Kapitolu 9 tal-Liġjiet ta' Malta, sabet lill-imputati ħatja tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tagħhom u wara li rat Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta kif ukoll Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta kkundannathom kull wiehed kif ġej:

[1] *A fol.* 70 *et seq.*.

- Fir-rigward ta' James Alexander Casha, qegħditu taħt Ordni ta' *Probation* għal perjodu ta' tliet (3) snin minn dakinhar li ngħatat is-sentenza u ordnat li jitqiegħed ukoll taħt Ordni ta' Trattament għal perijodu ta' tliet (3) snin u dan skont il-kondizzjonijiet li jinstabu annessi mas-sentenza kemm għal dak li jirrigwarda l-Ordni ta' *Probation* kif ukoll l-Ordni ta' Trattament. *Ai termini* ta' Artikolu 28B(2)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti ordnat illi s-sentenza sospiża mposta fuq l-imputat Casha kellha tibqa' *in vigore* għall-perijodu li kien fadlilha u ċioè sat-23 ta' April 2025;

- Fir-rigward ta' Claire Satariano, qiegħditha taħt Ordni ta' *Probation* ghal perjodu ta' tliet (3) snin minn dakinhar li ngħatat is-sentenza u ordnat li titqiegħed ukoll taħt Ordni ta' Trattament għal perjodu ta' tliet (3) snin u dan skont il-kondizzjonijiet li jinstabu annessi mas-sentenza kemm għal dak li jirrigwarda l-Ordni ta' *Probation* kif ukoll l-Ordni ta' Trattament.

  Finalment, l-Ewwel Qorti spjegat il-portata tas-sentenza u ċ-ċirkostanzi li jistgħu jirriżultaw fil-każ li ma josservawhomx lil James Alexander Casha u lil Claire Satariano illi wrew biċ-ċar li fehmu l-istess. Il-Qorti ordnat notifika tas-sentenza lill-Avukat Ġenerali skont il-liġi.

Rat ir-Rikors tal-appellant Avukat Ġenerali ppreżentat fl-14 ta' Marzu 2022 fejn talab lil din il-Qorti sabiex: *"jogħġobha: 1.* ***tiddikjara*** *s-sentenza appellata nulla u bla effett u tipproċedi billi tiddisponi mill-każ skont il-liġi;* ***JEW*** *2.* ***alternattivament u f'każ biss li l-ewwel talba tiġi miċħuda****: (a) tikkonferma s-sentenza fil-parti fejn sabet lill-appellati ħatja tal-imputazzjonijiet hekk kif dedotti kontrihom mill-Prosekuzzjoni; u (b) tordna jew tippermetti li jissewwa l-iżball fid-data tas-sentenza appellata stante illi d-data li hemm fuq is-sentenza appellata hija waħda żbaljata."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellati eżebiti mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet is-sottomissjonijiet finali bil-fomm.

**Ikkunsidrat**

Illi fir-Rikors tal-appell tiegħu l-appellant Avukat Ġenerali jisħaq li s-sentenza appellata hija waħda nulla minħabba li, fost l-oħrajn, l-Ewwel Qorti naqset illi tagħmel riferenza għal Artikolu tal-liġi li jikkontempla s-serq aggravat bix-xorta tal-ħaġa misruqa *ossia* Artikolu 261(g) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Lanqas ma ssemma Artikolu 271(g) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. L-Avukat Ġenerali jitlob li din il-Qorti tiddikjara s-sentenza appellata nulla u bla effett u sabiex tipproċedi billi tiddisponi mill-każ skont il-liġi u sabiex f'każ li dak imsemmi ma jintlaqax, tikkonferma s-sentenza fil-parti fejn sabet lill-appellati ħatja tal-imputazzjonijiet hekk kif dedotti kontrihom u tordna u tippermetti li jissewwa l-iżball fid-data tas-sentenza appellata minħabba li jsostni li d-data li hemm fuq is-sentenza appellata hija waħda żbaljata.

Illi filwaqt li huwa minnu, fost l-oħrajn, li l-Ewwel Qorti naqset milli ssemmi l-Artikoli tal-liġi hawn fuq imsemmija mill-Avukat Ġenerali, il-Qorti jidhrilha li jkun opportun li l-ewwel tinnota s-segwenti:

- quddiem l-Ewwel Qorti nżammet seduta waħda biss fejn fiha l-appellati allura imputati ammettew l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tagħhom u l-Ewwel Qorti għaddiet biex tagħti s-sentenza appellata dakinhar stess wara li tathom żmien sabiex jirrikunsidraw l-ammissjoni ta' ħtija tagħhom b'dan illi meta sar hekk huma tennew l-ammissjoni ta' ħtija tagħhom;

- is-seduta fejn sar dak imsemmi fil-paragrafu preċedenti kienet dik tat-22 ta' Frar 2022 hekk kif jirriżulta mill-verbal tas-seduta msemmija (*a fol.* 6 *et seq.*);

- jirriżulta li l-kawża ġiet deċiża fis-seduta tat-22 ta' Frar 2022 (*a fol.* 6 *et seq.*);

- is-sentenza appellata (*a fol.* 70 *et seq.*) iġġib id-data tat-22 ta' Novembru 2022;

- ma hemm l-ebda verbal bid-data tat-22 ta' Novembru 2022 tant li r-Rikors tal-appell tal-appellant Avukat Ġenerali ġie ppreżentat fl-14 ta' Marzu 2022 (*a fol.* 94 *et seq.*).

Illi l-ġurisprudenza tgħallem li mhux kull irregolarita' jew impreċiżjoni li jista' jkun hemm fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati twassal għan-nullita' tagħha. Artikolu 382 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jistabbilixxi r-rekwiżiti ta' sentenza valida. Artikolu 382 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jgħid hekk:

> "Il-Qorti, meta tagħti s-sentenza kontra l-imputat, għandha tgħid il-fatti li tagħhom dan ikun ġie misjub ħati, tagħti l-piena u ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodiċi jew ta' kull liġi oħra li tkun tikkontempla r-reat."

Illi għandu jingħad li n-nuqqas ta' osservanza ta' wieħed jew iktar mir-rekwiżiti msemmija f'Artikolu 382 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jwassal għal nuqqas ta' ħtieġa formali essenzjali li timpinġi fuq is-sentenza u l-alidita' tagħha. F'diversi sentenzi[2] mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta ngħad kif l-elementi msemmija f'Artikolu 382 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta huma meqjusa *ad validitatem* u jridu jiġu osservati

[2] Ara **Il-Pulizija vs. Joseph Farrugia** (28 ta' Mejju 1987), **Il-Pulizija vs. Anthony Zahra** (26 ta' Mejju 1994), **Il-Pulizija vs. Joseph Muscat** (10 ta' Ġunju 1994), **Il-Pulizija vs. Stephen Bonsfield** (Numru 327/2005 – 27 ta' April 2006), **Il-Pulizija vs. Robert Farrugia** (Numru 357/2014 – 19 ta' Novembru 2015), **Il-Pulizija vs. Philip Zahra** (Numru 348/2015 – 28 ta' Settembru 2017), **Il-Pulizija vs. Nutar Peter sive Pierre Falzon** (Numru 384/2018 – 17 ta' Jannar 2019).

skrupolożament. Din l-iskrupolożita' fl-osservanza ta' dawn ir-rekwiżiti mhix sempliċi formaliżmu iżda hija bbażata fuq il-ħtieġa li s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati tkun ċara u ma toħloq l-ebda inċertezza f'moħħ l-imputat għal dak li jirrigwarda d-dikjarazzjoni ta' ħtija fil-konfront tiegħu.

Illi b'daqshekk ma jfissirx li s-sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati jridu jkunu eżenti minn kull forma ta' żball jew ineżattezza, anke jekk tkun relattivament żgħira jew minuri. Spiss jiġri li s-sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati jkun fihom ineżattezzi li pero' mhux neċessarjament iwasslu għan-nullita' tas-sentenza.

Illi għandu jingħad li n-nuqqas ta' indikazzjoni preċiża tad-data fuq sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati mhix waħda minn dawk ir-rekwiżiti li jinsabu mniżżlin f'Artikolu 382 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Iżda dan in-nuqqas ġie interpretat mill-ġurisprudenza bħala nuqqas ta' dettall indispensabbli għall-validita' ta' dik is-sentenza. Id-data tas-sentenza mhix formaliżmu żejjed iżda parti essenzjali mis-sustanza tas-sentenza in kwantu tipprovdi ċertezza dwar iż-żmien tal-ġudizzju. Huwa rekwiżit tant ovvju kwantu jassigura r-retta amministrazzjoni tal-ġustizzja minħabba li minbarra li jiċċirkoskrivi l-parametri temporali perentorji tad-dritt tal-appell tal-partijiet minn dak il-ġudizzju, jistabbilixxi wkoll il-punt tat-tluq minn meta ċerti konsegwenzi tas-sejbien ta' ħtija jistgħu jibdew jiskattaw.

Illi huwa minnu li n-nuqqas ta' ħarsien tad-dispożizzjonijiet ta' Artikolu 382 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jikkontemplaw il-piena tan-nullita' tas-sentenza b'mod tassattiv biss f'każ fejn tingħata sentenza kontra l-imputat. Iżda r-rekwiżit tad-data fuq sentenza penali hija rekwiżit tant ovvju daqskemm indispensabbli li n-nuqqas ta' indikazzjoni preċiża tagħha fuq is-sentenza nnifisha huwa meqjus mill-ġurisprudenza bħala nuqqas ta' tħaris ta' regola t'ordni pubbliku li jwassal anki għan-nullita' tas-sentenza sollevabbli *ex officio*. Dan huwa riskontrabbli f'sentenzi ta' din il-Qorti diversament preseduta f'kawżi, fejn kienet tirriżulta diskrepanza bejn id-data mniżżla fil-kopja formali tas-sentenza mogħtija u dik id-data mniżżla fl-atti proċesswali,

fosthom fil-kawżi **Il-Pulizija vs. Peter Axisa** (Numru 556/2015) deċiża fit-30 ta' Novembru 2017, **Il-Pulizija vs. Joseph Mifsud** (Numru 160/2019) deċiża fit-3 ta' Diċembru 2019 u **Il-Pulizija vs. George Gatt** (Numru 260/2017) deċiża fil-25 ta' Ġunju 2020.

Illi din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta fit-8 ta' Lulju 2022 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Justin Mallia** (Numru 43/2022) fejn ingħad hekk:

> "Illi din il-kawża titratta dwar l-eċċezzjoni sollevata mid-difiża li s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali hija nulla u dan għaliex għandha żewġ dati reġistrati. Hemm id-data tat-13 ta' Jannar 2022 li tidher fuq il-kopja tas-sentenza esebita mid-difiża fuq il-parti warrani tagħha qabel il-firma tal-Maġistrat u fil-parti ta' quddiem taħt isem il-Maġistrat hemm indikat data differenti u ċioè nhar il-31 ta' Jannar 2022.
>
> Jidher ukoll li fil-kopja li hemm esebita l-Qorti li ġiet esebita flimkien mal-proċess meta ġie ntavolat ukoll hemm żewġ dati, hemm id-data tat-13 ta' Jannar, 2022 fuq il-parti ta' wara u tispjega li tali data saret bħala korrezzjoni wara li d-Deputat Reġistratur tal-Qorti Lorianne Spiteri ndunat b'dan l-iżball.
>
> Għalhekk dak li qed jistqarr l-Avukat difensur Dr. Franco Debono u ċioè li hemm żewġ dati fuq l-istess sentenza huwa minnu minn eżami ta' l-istess sentenza.
>
> Din il-Qorti semgħet lill-Uffiċjal tal-Qorti nhar it-30 ta' Ġunju 2022 Lorianne Spiteri u din spjegat li in effetti hija tokkupa l-kariga ta' Deputat Reġistratur fil-Qorti tal-Maġistrati li tippresjedi l-Maġistrat Dr. Nadine Lia. Murija s-sentenza esebita fl-atti *a fol.* 79 *et seq.* tgħid li kienet hi li għamlet il-korrezzjoni fuq il-parti ta' wara din is-sentenza u ċioè li hi bidlet id-data mit-13 ta' Jannar

għall-31 ta' Jannar 2022 u dan wara li għarfet il-firma tagħha.

Mistoqsija jekk għamlitx din il-korrezzjoni qabel ma ngħatat is-sentenza jew wara tgħid li ma tiftakarx. Mistoqsija jekk fil-fatt kienitx anke saħansitra rreġistrat din is-sentenza fil-*LECAM system* b'żewġ dati tgħid li jista' jkun. Mistoqsija jekk il-korrezzjoni saritx wara li kien induna biha l-avukat difensur tal-akkużat, tgħid li setgħa kien il-każ u għalhekk li tali korrezzjoni saret wara li kien ġie ntavolat dan l-appell. Tgħid li qatt ma saret korrezzjoni fil-kompjuter fejn kienet *'saved'* is-sentenza.

Fil-kawża **Il-Pulizija vs. Aryna Zrakava** deċiża nhar l-10 ta' Diċembru 2019 din il-Qorti stqarret li hija s-sentenza fil-forma stampata, li tkun tinsab fil-proċess, u debitament iffirmata mill-Maġistrat li jkun pronunzjaha, li għandha tkun ritenuta dik li toħloq stat fil-konfront ta' terzi filwaqt li dak li wieħed isib miktub mill-Maġistrat fuq il-komparixxi jew fuq dokument ieħor għandhom jiġu ritenuti bħala li huma l-appunti tal-Maġistrat li jkun niżżel matul id-dibattitu tal-kawża u dawn ma jistgħux jitqiesu li jifformaw is-sentenza vera u proprja tal-Qorti tal-Maġistrati.

Illi din il-Qorti tagħmel referenza għal sentenza mogħtija minn din il-Qorti **Il-Pulizija vs. Joseph Mifsud**[3] fejn għamlet referenza għal sentenza oħra mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Peter Axisa**[4] fejn il-fatti tal-każ kienu kon simili fis-sens li dik il-Qorti osservat illi s-sentenza appellata ġġib id-data tal-10 ta' Diċembru, 2016 meta l-atti jindikaw illi f'dik id-data l-atti kienu ilhom konklużi sa mill-10 ta' Diċembru 2015 u f'dik il-kawża fejn kien hemm data

[3] "Deċiża mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar it-3 ta' Diċembru 2019."
[4] "Deċiża mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar it-30 ta' Novembru 2017."

> ħażina fis-sentenza l-Qorti għaddiet biex tilqa' l-aggravju ta' nullita' u annullat is-sentenza mogħtija.
>
> Illi fil-każ odjern kif onestament xehdet Lorianne Spiteri ma jirriżultax jekk il-korrezzjoni saret qabel ma ngħatat is-sentenza jew wara li ngħatat. Anzi *siccome* s-sinjorina Spiteri qalet li fil-kompjuter is-sentenza għadha *saved* b'żewġ dati il-probabilita' hi li l-korrezzjoni fuq is-sentenza esebita f'dawn l-atti saret wara li ġie ntavolat ir-Rikors ta' l-appell ta' Dr. Franco Debono.
>
> Illi a bażi ta' dan l-insenjament din il-Qorti ser ikollha tiddikjara din is-sentenza ukoll nulla u bla effett stante li hija karenti minn dettall indispensabbli għall-validita' tagħha."

Illi din il-Qorti tagħmel riferenza wkoll għas-sentenza mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta fit-23 ta' Marzu 2023 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Pullicino** (Numru 249/2022) fejn ingħad hekk:

> "11. Mill-atti proċesswali jirriżulta li s-sentenza stampata mir-Reġistratur ġiet iffirmata mhux biss minnha iżda wkoll mill-Maġistrati. Din allura hija l-kopja uffiċjali li tikkostitwixxi stat fil-konfront ta' terz. Ġara f'dan il-każ li d-data ta' din is-sentenza hija indikata li ngħatat fit-3 ta' Mejju 2022. Iżda hemm ukoll il-verbal tas-seduta datat 18 ta' Mejju 2022 fih ukoll imniżżel notamenti li jindikaw dak li l-Maġistrat riedet li tkun il-parti dispożittiva tas-sentenza. Iżda, kif intwera iżjed il-fuq, dan il-verbal ma jistax jitqiħesx bħala sostitut għall-kopja uffiċjali tas-sentenza li tinsab f'paġna 90 u l-anqas jista' jagħmel tajjeb għan-nuqqasijiet tagħha. B'dan il-mod allura ċ-ċertezza tal-Ġudikat ġie mxejjen in kwantu l-verbal jgħid li d-deċiżjoni ttieħdet fit-18 ta' Mejju 2022 mentri l-kopja uffiċjali tas-sentenza tgħid li din ingħatat fit-3 ta' Mejju 2022. Din id-diskrepanza sfortunata, għalkemm hija probabbilment frott ta' żball fit-tipa,

mhix meqjusa mill-ġurisprudenza bħala żball sanabbli meta jkun sar fid-data ta' meta ġiet pronunzjata s-sentenza. Għalhekk l-ewwel aggravju tal-Avukat Ġenerali jimmerita li jiġi milqugħ."

Illi fis-sentenza mogħtija fit-12 ta' Diċembru 2019 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. David Julius Carmelino Sciberras** (Numru 140/2019), din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Illi din il-Qorti eżaminat l-atti tal-kawża u rat li fis-seduta tal-25 ta' April, 2019 l-appellant kien irreġistra ammissjoni quddiem l-Ewwel Qorti dwar l-akkużi kollha li kien ġie addebitat bihom. Illi dakinhar stess u ċioè fil-25 ta' April, 2019 l-Qorti għaddiet biex tagħti sentenza fejn a bażi tal-ammissjoni reġistrata mill-appellant seduta stante fl-ewwel opportunita' li kellu ddikjarat li sabitu ħati tal-akkużi u imponiet Ordni ta' *Probation* għal perijodu massimu permess mil-liġi ta' tlett (3) snin *ai termini* tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 466 tal-Liġijiet ta' Malta.
>
> Rat li dan hu appell preżentat mill-Avukat Ġenerali fejn *in primis* qed jiddikjara li s-sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti hija nulla stante li għandha element essenzjali tagħha nieqes u ċioè id-data proprja ta' meta ngħatat. Skond il-verbal datat 25 ta' April 2019 inserit fl-atti *a fol.* 23 jirriżulta li l-każ għadda in ġudikat pero' meta l-Qorti eżaminat is-sentenza dattilografata inserita fl-atti *a fol.* 27 rat li d-data hemm rapportata hija dik tas-26 ta' April 2019.
>
> Illi għalkemm jidher li dan hu żball negliġibbli u jidher li seta kien riżultat ta' *lapsus calami* dan iwassal sabiex din il-Qorti tiddikjara s-sentenza li ngħatat hija nulla.
>
> Illi din il-Qorti tagħmel referenza għal sentenza mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet <u>**Il-**</u>

> **<u>Pulizija vs. Peter Axisa</u>**[5] fejn il-fatti tal-każ kienu kon simili fis-sens li dik il-Qorti osservat illi s-sentenza appellata ġġib id-data tal-10 ta' Diċembru, 2016 meta l-atti jindikaw illi f'dik id-data l-atti kienu ilhom konklużi sa mill-10 ta' Diċembru 2015 u f'dik il-kawża fejn kien hemm data ħażina fis-sentenza l-Qorti għaddiet biex tilqa' l-aggravju ta' nullita' u annullat is-sentenza mogħtija.
>
> Illi a bażi ta' dan l-insenjament din il-Qorti ser ikollha tiddikjara din is-sentenza ukoll nulla u bla effett stante li hija karenti minn dettall indispensabbli għall-validita' tagħha u għalhekk ser tgħaddi biex tirrinvija l-atti quddiem l-Ewwel Qorti sabiex tiddeċiedi l-kawża mill-ġdid."

Illi din il-Qorti tinnota li l-fatt li fis-sentenza appellata hemm mniżżla data ta' meta suppost ingħatat meta ma jirriżultax li s-sentenza ingħatat dakinhar jwassalha sabiex tabbraċċja l-insenjamenti hawn fuq ikkwotati u b'hekk din il-Qorti ser tirrevoka s-sentenza appellata u tiddikjaraha nulla. Il-fatt li hemm data fuq is-sentenza appellata li ma jirriżultax li hija d-data ta' meta suppost ingħatat ma jistax jitqies bħala *lapsus calami vel computeri*.

Illi din il-Qorti terġa' tagħmel riferenza għas-sentenzi aktar 'il fuq ċitati u bħalhom ser tibgħat l-atti proċesswali lill-Ewwel Qorti sabiex l-appellati ma jiġux ipprivat mill-benefiċċju tad-*doppio esame* b'dan illi jiġi speċifikat li din il-Qorti mhijiex qed tannulla l-proċeduri kollha li saru quddiem l-Ewwel Qorti pero' l-appellati jridu jitpoġġew mill-ġdid fil-pożizzjoni li kienu immedjatament qabel ma ġiet ippronunzjata s-sentenza appellata <u>b'dan illi l-ammissjoni ta' ħtija tagħhom quddiem l-Ewwel Qorti tibqa' bla mittiefsa</u>.

[5] "Deċiża mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar it-30 ta' Novembru 2017."

Illi tenut kont ta' dak kollu li ngħad hawn fuq ma hemmx il-ħtieġa li din il-Qorti tagħmel konsiderazzjonijiet oħra dwar dak imsemmi mill-Avukat Ġenerali fir-Rikors tal-appell tiegħu.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti qegħda *ex officio* tirrevoka s-sentenza appellata u, biex ma tipprivax lill-partijiet mill-benefiċċju tad-*doppio esame*, qed tirrinvija l-atti lill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali sabiex l-appellati jerġgħu jitpoġġew fil-pożizzjoni li kienu immedjatament qabel ma ġiet pronunzjata s-sentenza appellata u biex terġa' tingħata sentenza mill-ġdid skont il-liġi.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**